



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

2010/2211(INI)

23.3.2011

EMENDI 1 - 55

Abbozz ta' opinjoni
Cătălin Sorin Ivan
(PE456.926v01-00)

L-investiment fil-futur: Qafas Finanzjarju Multiannwali (MFF) ġdid għal
Ewropa kompetittiva, sostenibbli u inklużiva
(2010/2211(INI))

AM_Com_NonLegOpinion

Amendment 1
Helga Trüpel

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' opinjoni

1. Jinnota li l-eżistenza ta' titoli qosra, bħalma huwa t-Titolu 3b fl-MFF attwali, tfixkel ir-rijallokazzjoni tal-fondi bejn il-programmi; iħeġġeġ biex fl-MFF li jmiss jiġu **evitati** titoli qosra u subtitoli;

Emenda

1. Jinnota li l-eżistenza ta' titoli qosra, bħalma huwa t-Titolu 3b fl-MFF attwali, tfixkel ir-rijallokazzjoni tal-fondi bejn il-programmi; iħeġġeġ biex fl-MFF li jmiss jiġu **reveduti** titoli qosra u subtitoli;

Or. en

Emenda 2
Sabine Verheyen

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' opinjoni

2. Jenfasizza l-importanza li jintlaqat bilanċ ġust bejn it-tbassir u l-flessibilità fin-nefqa multiannwali; jemmen li MFF ta' seba' snin ikun jista' jilħaq dan; ***huwa tal-fehma li MFF ta' ħames snin u ħamsa fuqhom jista' jkun sodisfaċenti wkoll, sakemm kien inkluda wkoll reviżjoni komprensiva ta' nofs sena bl-involvement sħiħ tal-Parlament;***

Emenda

2. Jenfasizza l-importanza li jintlaqat bilanċ ġust bejn it-tbassir u l-flessibilità fin-nefqa multiannwali; jemmen li MFF ta' seba' snin ikun jista' jilħaq dan;

Or. de

Emenda 3
Helga Trüpel

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' opinjoni

2. Jenfasizza l-importanza li jintlaqat bilanċ ġust bejn it-tbassir u l-flessibilità fin-nefqa multiannwali; ***jemmen li MFF ta' seba' snin ikun jista' jilħaq dan***; huwa tal-fehma li MFF ta' ħames snin u ħamsa fuqhom ***jista' jkun sodisfaċenti wkoll***, sakemm kien inkluda wkoll reviżjoni komprensiva ta' nofs sena bl-involviment sħiħ tal-Parlament;

Emenda

2. Jenfasizza l-importanza li jintlaqat bilanċ ġust bejn it-tbassir u l-flessibilità fin-nefqa multiannwali; huwa tal-fehma li MFF ta' ħames snin u ħamsa fuqhom ***ikun jista' jilħaq dan***, sakemm kien inkluda wkoll reviżjoni komprensiva ta' nofs sena bl-involviment sħiħ tal-Parlament;

Or. en

Emenda 4
Helga Trüpel

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3

Abbozz ta' opinjoni

3. Jinnota li l-programmi attwali ta' finanzjament li għandhom x'jaqsmu mal-edukazzjoni, maż-żgħażaġħ, mal-midja u mal-kultura jiġġeneraw il-valur miżjud Ewropew billi jiġbru r-riżorsi flimkien u jtejbu l-kooperazzjoni; jinnota li huma ***jikkorrispondu fil-qrib għall-bżonnijiet*** tas-setturi kkonċernati, għandhom rati għolja ta' implimentazzjoni, u jipproduċu ingranaġġ notevoli u riperkussjonijiet;

Emenda

3. Jinnota li l-programmi attwali ta' finanzjament li għandhom x'jaqsmu mal-edukazzjoni, maż-żgħażaġħ, mal-midja u mal-kultura jiġġeneraw il-valur miżjud Ewropew billi jiġbru r-riżorsi flimkien u jtejbu l-kooperazzjoni; jinnota li huma ***ġew żviluppati skont il-bżonnijiet*** tas-setturi kkonċernati, għandhom rati għolja ta' implimentazzjoni, u jipproduċu ingranaġġ notevoli u riperkussjonijiet;

Or. en

Emenda 5
Marietje Schaake

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3

Abbozz ta' opinjoni

3. Jinnota li l-programmi attwali ta' finanzjament li għandhom x'jaqsmu mal-
edukazzjoni, maż-żgħażaġh, mal-midja u
mal-kultura jiġġeneraw il-valur miżjud
Ewropew billi jiġbru r-riżorsi flimkien u
jtejbu l-kooperazzjoni; jinnota li huma
jikkorrispondu fil-qrib għall-bżonnijiet tas-
setturi kkonċernati, għandhom rati għolja
ta' implimentazzjoni, u jipproduċu
ingranaġġ notevoli u riperkussjonijiet;

Emenda

3. Jinnota li l-programmi attwali ta'
finanzjament li għandhom x'jaqsmu mal-
edukazzjoni, maż-żgħażaġh, mal-midja u
mal-kultura jiġġeneraw il-valur miżjud
Ewropew billi jiġbru r-riżorsi flimkien u
jtejbu l-kooperazzjoni; ***jenfasizza li dawn
il-programmi jikkontribwixxu għall-valur
ekonomiku tal-UE u*** jinnota li huma
jikkorrispondu fil-qrib għall-bżonnijiet tas-
setturi kkonċernati, għandhom rati għolja
ta' implimentazzjoni, u jipproduċu
ingranaġġ notevoli u riperkussjonijiet;

Or. en

Emenda 6

Marek Henryk Migalski

Abbozz ta' opinjoni

Paragrafu 3

Abbozz ta' opinjoni

3. Jinnota li l-programmi attwali ta'
finanzjament li għandhom x'jaqsmu mal-
edukazzjoni, maż-żgħażaġh, mal-midja u
mal-kultura jiġġeneraw il-valur miżjud
Ewropew billi jiġbru r-riżorsi flimkien u
jtejbu l-kooperazzjoni; jinnota li huma
jikkorrispondu fil-qrib għall-bżonnijiet tas-
setturi kkonċernati, għandhom rati għolja
ta' implimentazzjoni, u jipproduċu
ingranaġġ notevoli u riperkussjonijiet;

Emenda

3. Jinnota li l-programmi attwali ta'
finanzjament li għandhom x'jaqsmu mal-
edukazzjoni, maż-żgħażaġh, mal-midja u
mal-kultura jiġġeneraw il-valur miżjud ***fl-
Unjoni Ewropea*** billi jiġbru r-riżorsi
flimkien u jtejbu l-kooperazzjoni; jinnota li
huma jikkorrispondu fil-qrib għall-
bżonnijiet tas-setturi kkonċernati,
għandhom rati għolja ta' implimentazzjoni,
u jipproduċu ingranaġġ notevoli u
riperkussjonijiet;

Or. pl

Emenda 7
Emma McClarkin

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3

Abbozz ta' opinjoni

3. Jinnota li l-programmi attwali ta' finanzjament li għandhom x'jaqsmu mal-**edukazzjoni, maż-żgħażaġĥ, mal-midja u mal-kultura** jiġġeneraw il-valur miżjud Ewropew billi jiġbru r-riżorsi flimkien u jtejbu l-kooperazzjoni; jinnota li huma jikkorrispondu fil-qrib għall-bżonnijiet tas-setturi kkonċernati, għandhom rati għolja ta' implimentazzjoni, u jipproduċu ingranaġġ notevoli u riperkussjonijiet;

Emenda

3. Jinnota li l-programmi attwali ta' finanzjament li għandhom x'jaqsmu mal-**edukazzjoni, maż-żgħażaġĥ, mal-midja u mal-kultura** ***jistgħu*** jiġġeneraw il-valur miżjud Ewropew billi jiġbru r-riżorsi flimkien u jtejbu l-kooperazzjoni; jinnota li huma ***jistgħu*** jikkorrispondu fil-qrib għall-bżonnijiet tas-setturi kkonċernati, għandhom rati għolja ta' implimentazzjoni, u jipproduċu ingranaġġ notevoli u riperkussjonijiet;

Or. en

Emenda 8
Marietje Schaake

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni

4. Ifakkar li ***wieħed*** mill-ħames titoli ta' Ewropa 2020 jimmira lejn tnaqqis tal-ammont ta' studenti li jtilqu l-iskola minn kmieni għal inqas minn 10% u żieda fl-ammont tal-ġenerazzjoni żaġġżuġĥa bi grad universitarju jew b'diploma għal tal-inqas 40%; ***jenfasizza li l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-mobilità żaġġżuġĥa huma essenzjali għall-ħolqien tal-impjiegi u s-salvagwardja tagħhom, u għat-tnaqqis tal-faqar, u huma għaldaqstant kruċjali kemm għall-irkupru tal-Ewropa fuq skala żġĥira ta' żmien, u kemm għat-tkabbir u għall-produttività tagħha fuq skala kbira ta' żmien; huwa tal-fehma li l-programmi tal-UE għandhom rwol importanti fit-***

Emenda

4. Ifakkar li ***tnejn*** mill-ħames titoli ta' Ewropa 2020 ***jimmiraw*** lejn ***l-importanza tal-edukazzjoni u l-ġharfien: mira waħda hi t-tnaqqis*** tal-ammont ta' studenti li jtilqu l-iskola minn kmieni għal inqas minn 10% u ***għal*** żieda fl-ammont tal-ġenerazzjoni żaġġżuġĥa bi grad universitarju jew b'diploma għal tal-inqas 40%; ***il-mira l-oħra hi ż-żieda fl-investiment għar-Riċerka u l-Iżvilupp għal tal-anqas 3% tal-PDG*** tal-UE;

tmexxija ta' politiki nazzjonali fid-direzzjoni miftiehma f'livell intergovernamentali, u lejn il-miri tal-istrateġija ta' Ewropa 2020; ifakkar li l-inizjattivi tal-politika tal-UE għenu biex jimmodernizzaw ruħhom il-politiki tal-edukazzjoni u tat-taħriġ u tal-istituzzjonijiet fi ħdan l-Istati Membri;

Or. en

Emenda 9

Marek Henryk Migalski

Abbozz ta' opinjoni

Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni

4. Ifakkar li wieħed mill-ħames titoli ta' Ewropa 2020 jimmira lejn tnaqqis tal-ammont ta' studenti li jitolqu l-iskola minn kmieni għal inqas minn 10% u żieda fl-ammont tal-ġenerazzjoni żagħżuġha bi grad universitarju jew b'diploma għal tal-inqas 40%; jenfasizza li l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-mobilità żagħżuġha huma essenzjali għall-ħolqien tal-impjiegi u s-salvagwardja tagħhom, u għat-tnaqqis tal-faqar, u huma għaldaqstant kruċjali kemm għall-irkupru tal-Ewropa fuq skala żgħira ta' żmien, u kemm għat-tkabbir u għall-produttività tagħha fuq skala kbira ta' żmien; ***huwa tal-fehma li l-programmi tal-UE għandhom rwol importanti fit-tmexxija ta' politiki nazzjonali fid-direzzjoni miftiehma f'livell intergovernamentali, u lejn il-miri tal-istrateġija ta' Ewropa 2020;*** ifakkar li l-inizjattivi tal-politika tal-UE għenu biex jimmodernizzaw ruħhom il-politiki tal-edukazzjoni u tat-taħriġ u tal-istituzzjonijiet fi ħdan l-Istati Membri;

Emenda

4. Ifakkar li wieħed mill-ħames titoli ta' Ewropa 2020 jimmira lejn tnaqqis tal-ammont ta' studenti li jitolqu l-iskola minn kmieni għal inqas minn 10% u żieda fl-ammont tal-ġenerazzjoni żagħżuġha bi grad universitarju jew b'diploma għal tal-inqas 40%; jenfasizza li l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-mobilità żagħżuġha huma essenzjali għall-ħolqien tal-impjiegi u s-salvagwardja tagħhom, u għat-tnaqqis tal-faqar, u huma għaldaqstant kruċjali kemm għall-irkupru tal-Ewropa fuq skala żgħira ta' żmien, u kemm għat-tkabbir u għall-produttività tagħha fuq skala kbira ta' żmien; ifakkar li l-inizjattivi tal-politika tal-UE għenu biex jimmodernizzaw ruħhom il-politiki tal-edukazzjoni u tat-taħriġ;

Or. pl

Emenda 10
Emma McClarkin

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni

4. Ifakkar li wieħed mill-ħames **titoli** ta' Ewropa 2020 jimmira lejn tnaqqis tal-ammont ta' studenti li jitolqu l-iskola minn kmieni **għal inqas minn 10%** u żieda fl-ammont tal-ġenerazzjoni zagħżuġha bi grad universitarju jew b'diploma **għal tal-inqas 40%**; jenfasizza li l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-mobilità zagħżuġha huma essenzjali għall-ħolqien tal-impjiegi u s-salvagwardja tagħhom, u għat-tnaqqis tal-faqar, u huma għaldaqstant kruċjali kemm għall-irkupru tal-Ewropa fuq skala żgħira ta' żmien, u kemm għat-tkabbir u għall-produttività tagħha fuq skala kbira ta' żmien; huwa tal-fehma li l-programmi tal-UE għandhom rwol **importanti** fit-tmexxija ta' politiki nazzjonali fid-direzzjoni miftiehma f'livell intergovernamentali, u lejn **il-miri** tal-istrateġija ta' Ewropa 2020; ifakkar li l-inizjattivi tal-politika tal-UE **għenu** biex jimmodernizzaw ruħhom il-politiki tal-edukazzjoni u tat-taħriġ u tal-istituzzjonijiet fi ħdan **I-Istati** Membri;

Emenda

4. Ifakkar li wieħed mill-ħames **miri** ta' Ewropa 2020 jimmira lejn tnaqqis tal-ammont ta' studenti li jitolqu l-iskola minn kmieni u żieda fl-ammont tal-ġenerazzjoni zagħżuġha bi grad universitarju jew b'diploma; jenfasizza li l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-mobilità zagħżuġha huma essenzjali għall-ħolqien tal-impjiegi u s-salvagwardja tagħhom, u għat-tnaqqis tal-faqar, u huma għaldaqstant kruċjali kemm għall-irkupru tal-Ewropa fuq skala żgħira ta' żmien, u kemm għat-tkabbir u għall-produttività tagħha fuq skala kbira ta' żmien; huwa tal-fehma li l-programmi tal-UE għandhom rwol fit-tmexxija ta' politiki nazzjonali fid-direzzjoni miftiehma f'livell intergovernamentali, u lejn **il-miri** tal-istrateġija ta' Ewropa 2020; ifakkar li l-inizjattivi tal-politika tal-UE **jistgħu jgħinu** biex jimmodernizzaw ruħhom il-politiki tal-edukazzjoni u tat-taħriġ u tal-istituzzjonijiet fi ħdan **xi Stati** Membri;

Or. en

Emenda 11
Sabine Verheyen

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni

4. Ifakkar li wieħed mill-ħames titoli ta' Ewropa 2020 jimmira lejn tnaqqis tal-

Emenda

4. Ifakkar li wieħed mill-ħames titoli ta' Ewropa 2020 jimmira lejn tnaqqis tal-

ammont ta' studenti li jitolqu l-iskola minn kmieni għal inqas minn 10% u żieda fl-ammont tal-ġenerazzjoni żagħżugħa bi grad universitarju jew b'diploma għal tal-inqas 40%; jenfasizza li l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-mobilità żagħżugħa huma essenzjali għall-ħolqien tal-impjiegi u s-salvagwardja tagħhom, u għat-tnaqqis tal-faqar, u huma għaldaqstant kruċjali kemm għall-irkupru tal-Ewropa fuq skala żgħira ta' żmien, u kemm għat-tekabbir u għall-produttività tagħha fuq skala kbira ta' żmien; huwa tal-fehma li l-programmi tal-UE għandhom rwol importanti fit-tmexxija ta' politiki nazzjonali fid-direzzjoni miftiehma f'livell intergovernamentali, u lejn il-miri tal-istrateġija ta' Ewropa 2020; ifakkar li l-inizjattivi tal-politika tal-UE għenu biex jimmodernizzaw ruħhom il-politiki tal-edukazzjoni u tat-taħriġ u tal-istituzzjonijiet fi ħdan l-Istati Membri;

ammont ta' studenti li jitolqu l-iskola minn kmieni għal inqas minn 10% u żieda fl-ammont tal-ġenerazzjoni żagħżugħa bi grad universitarju jew b'diploma **jew b'taħriġ professjonali tajjeb** għal tal-inqas 40%; jenfasizza li l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-mobilità żagħżugħa – **u wkoll il-mobilità fl-edukazzjoni għall-adulti u fit-taħriġ professjonali** – huma essenzjali għall-ħolqien tal-impjiegi u s-salvagwardja tagħhom, u għat-tnaqqis tal-faqar, u huma għaldaqstant kruċjali kemm għall-irkupru **ekonomiku** tal-Ewropa fuq skala żgħira ta' żmien, u kemm għat-tekabbir u għall-produttività tagħha fuq skala kbira ta' żmien; huwa tal-fehma li l-programmi tal-UE għandhom rwol importanti fit-tmexxija ta' politiki nazzjonali fid-direzzjoni miftiehma f'livell intergovernamentali, u lejn il-miri tal-istrateġija ta' Ewropa 2020; ifakkar li l-inizjattivi tal-politika tal-UE **bil-kooperazzjoni mal-Istati Membri** għenu biex jimmodernizzaw ruħhom il-politiki tal-edukazzjoni u tat-taħriġ u tal-istituzzjonijiet fi ħdan l-Istati Membri;

Or. de

Emenda 12 **Georgios Papanikolaou**

Abbozz ta' opinjoni **Paragrafu 4**

Abbozz ta' opinjoni

4. Ifakkar li wieħed mill-ħames titoli ta' Ewropa 2020 jimmira lejn tnaqqis tal-ammont ta' studenti li jitolqu l-iskola minn kmieni għal inqas minn 10% u żieda fl-ammont tal-ġenerazzjoni żagħżugħa bi grad universitarju jew b'diploma għal tal-inqas 40%; jenfasizza li l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-mobilità żagħżugħa huma essenzjali għall-ħolqien tal-impjiegi u s-salvagwardja tagħhom, u għat-tnaqqis tal-

Emenda

4. Ifakkar li wieħed mill-ħames titoli ta' Ewropa 2020 jimmira lejn tnaqqis tal-ammont ta' studenti li jitolqu l-iskola minn kmieni għal inqas minn 10% u żieda fl-ammont tal-ġenerazzjoni żagħżugħa bi grad universitarju jew b'diploma għal tal-inqas 40%; **huwa mħasseb għall-fatt li għad m'hemm l-ebda programm nazzjonali biex jilħaq dawn l-oġettivi;** jenfasizza li l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-

faqar, u huma għaldaqstant kruċjali kemm għall-irkupru tal-Ewropa fuq skala żgħira ta' żmien, u kemm għat-tkabbir u għall-produttività tagħha fuq skala kbira ta' żmien; huwa tal-fehma li l-programmi tal-UE għandhom rwol importanti fit-tmexxija ta' politiki nazzjonali fid-direzzjoni miftiehma f'livell intergovernamentali, u lejn il-miri tal-istrateġija ta' Ewropa 2020; ifakkar li l-inizjattivi tal-politika tal-UE għenu biex jimmodernizzaw ruħhom il-politiki tal-edukazzjoni u tat-taħriġ u tal-istituzzjonijiet fi ħdan l-Istati Membri;

mobilità żagħżugħa huma essenzjali għall-ħolqien tal-impjiegi u s-salvagwardja tagħhom, u għat-tnaqqis tal-faqar, u huma għaldaqstant kruċjali kemm għall-irkupru tal-Ewropa fuq skala żgħira ta' żmien, u kemm għat-tkabbir u għall-produttività tagħha fuq skala kbira ta' żmien; ***jindika li bħalissa fl-UE l-qgħad fost iż-żgħażaġh ta' mhux iktar minn 25 sena huwa ta' 20%***; huwa tal-fehma li l-programmi tal-UE għandhom rwol importanti fit-tmexxija ta' politiki nazzjonali fid-direzzjoni miftiehma f'livell intergovernamentali, u lejn il-miri tal-istrateġija ta' Ewropa 2020; ifakkar li l-inizjattivi tal-politika tal-UE għenu biex jimmodernizzaw ruħhom il-politiki tal-edukazzjoni u tat-taħriġ u tal-istituzzjonijiet fi ħdan l-Istati Membri;

Or. el

Emenda 13
Marietje Schaake

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

4a. Jiddispjaċih li m'hemmx strumenti vinkolanti fuq il-livell tal-UE li jiżguraw l-impenn tal-Istati Membri lejn dawn il-miri u lejn il-miri l-oħra ta' UE2020;

Or. en

Emenda 14
Marietje Schaake

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4 b (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

4b. Jenfasizza li l-edukazzjoni, it-taħriġ, il-mobilità u l-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp huma pedamenti importanti għall-innovazzjoni, l-impjeg u t-tkabbir ekonomiku fl-Ewropa;

Or. en

Emenda 15
Marietje Schaake

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4 c (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

4c. Jemmen li l-UE għandha tneħħi l-ostakoli għal moviment ħieles tal-għarfien billi toħloq il-'ħames libertà' u żżidha mal-erba' prinċipji oriġinali tal-moviment ħieles tal-persuni, tal-kapital, tas-servizzi u tal-oġġetti fl-Unjoni Ewropea;

Or. en

Emenda 16
Marietje Schaake

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4 d (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

4d. Huwa tal-fehma li l-programmi tal-UE għandhom rwol importanti fit-tmexxija tal-politiki nazzjonali fid-direzzjoni miftiehma f'livell intergovernamentali, u lejn il-miri tal-istrateġija ta' Ewropa 2020; ifakkar li l-inizjattivi tal-politika tal-UE għenu biex jimmodernizzaw il-politiki tal-edukazzjoni

Emenda 17
Marek Henryk Migalski

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5

Abbozz ta' opinjoni

5. Jenfasizza l-importanza tas-setturi kulturali, kreattivi u tal-midja fil-kisba tal-miri ta' Ewropa 2020 li għandhom x'jaqsmu mal-impjiegi, mal-produttività u mal-koeżjoni soċjali; jinnota li, lil hinn mill-kontribuzzjoni diretta tagħhom lejn il-Prodott Gross Domestiku (PGD), dawn l-industriji għandhom riperkussjonijiet pożittivi fuq setturi oħra tal-ekonomija, bħalma huma, it-turiżmu u t-teknoloġiji diġitali; **huwa tal-fehma li l-inizjattivi u l-programmi tal-politika tal-UE f'dawn l-oqsma għandhom 'Valur miżjud Ewropew' li jista' jintwera;**

Emenda

5. Jenfasizza l-importanza tas-setturi kulturali, kreattivi u tal-midja fil-kisba tal-miri ta' Ewropa 2020 li għandhom x'jaqsmu mal-impjiegi, mal-produttività u mal-koeżjoni soċjali; jinnota li, lil hinn mill-kontribuzzjoni diretta tagħhom lejn il-Prodott Gross Domestiku (PGD), dawn l-industriji, **bis-saħħa tal-programmi u tal-inizjattivi tal-UE f'dawn l-oqsma,** għandhom riperkussjonijiet pożittivi fuq setturi oħra tal-ekonomija, bħalma huma, it-turiżmu u t-teknoloġiji diġitali;

Emenda 18
Emma McClarkin

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5

Abbozz ta' opinjoni

5. Jenfasizza l-importanza tas-setturi kulturali, kreattivi u tal-midja fil-kisba tal-miri ta' Ewropa 2020 li għandhom x'jaqsmu mal-impjiegi, mal-produttività u mal-koeżjoni soċjali; jinnota li, lil hinn mill-kontribuzzjoni diretta tagħhom lejn il-

Emenda

5. Jenfasizza l-importanza tas-setturi kulturali, kreattivi u tal-midja fil-kisba tal-miri ta' Ewropa 2020 li għandhom x'jaqsmu mal-impjiegi, mal-produttività u mal-koeżjoni soċjali; jinnota li, lil hinn mill-kontribuzzjoni diretta tagħhom lejn il-

Prodott Gross Domestiku (PGD), dawn l-industriji għandhom riperkussjonijiet pożittivi fuq setturi oħra tal-ekonomija, bħalma huma, it-turiżmu u t-teknoloġiji diġitali; *huwa tal-fehma li l-inizjattivi u l-programmi tal-politika tal-UE f'dawn l-oqsma għandhom 'Valur miżjud Ewropew' li jista' jintwera;*

Prodott Gross Domestiku (PGD), dawn l-industriji għandhom riperkussjonijiet pożittivi fuq setturi oħra tal-ekonomija, bħalma huma, it-turiżmu u t-teknoloġiji diġitali;

Or. en

Emenda 19
Sabine Verheyen

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5

Abbozz ta' opinjoni

5. Jenfasizza l-importanza tas-setturi kulturali, kreattivi u tal-midja fil-kisba tal-miri ta' Ewropa 2020 li għandhom x'jaqsmu mal-impjiegi, mal-produttività u mal-koeżjoni soċjali; jinnota li, lil hinn mill-kontribuzzjoni diretta tagħhom lejn il-Prodott Gross Domestiku (PGD), dawn l-industriji għandhom riperkussjonijiet pożittivi fuq setturi oħra tal-ekonomija, bħalma huma, it-turiżmu u t-teknoloġiji diġitali; huwa tal-fehma li l-inizjattivi u l-programmi tal-politika tal-UE f'dawn l-oqsma għandhom 'Valur miżjud Ewropew' li jista' jintwera;

Emenda

5. Jenfasizza l-importanza tas-setturi kulturali, kreattivi u tal-midja, **li huma elementi importanti fil-katina tal-valur ekonomiku**, fil-kisba tal-miri ta' Ewropa 2020 li għandhom x'jaqsmu mal-impjiegi, mal-produttività u mal-koeżjoni soċjali; jinnota li, lil hinn mill-kontribuzzjoni diretta tagħhom lejn il-Prodott Gross Domestiku (PGD), dawn l-industriji għandhom riperkussjonijiet pożittivi fuq setturi oħra tal-ekonomija, bħalma huma, it-turiżmu u t-teknoloġiji diġitali; huwa tal-fehma li l-inizjattivi u l-programmi tal-politika tal-UE f'dawn l-oqsma għandhom 'Valur miżjud Ewropew' li jista' jintwera;

Or. de

Emenda 20
Helga Trüpel

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5

Abbozz ta' opinjoni

5. Jenfasizza l-importanza tas-setturi kulturali, kreattivi u tal-midja fil-kisba tal-miri ta' Ewropa 2020 li għandhom x'jaqsmu mal-impjiegi, mal-produttività u mal-koeżjoni soċjali; jinnota li, lil hinn mill-kontribuzzjoni diretta tagħhom lejn il-Prodott Gross Domestiku (PGD), **dawn** l-industriji għandhom riperkussjonijiet pożittivi fuq setturi oħra tal-ekonomija, bħalma huma, it-turiżmu u t-teknoloġiji diġitali; huwa tal-fehma li l-inizjattivi u l-programmi tal-politika tal-UE f'dawn l-oqsma għandhom 'Valur miżjud Ewropew' li jista' jintwera;

Emenda

5. Jenfasizza l-importanza tas-setturi kulturali, kreattivi u tal-midja fil-kisba tal-miri ta' Ewropa 2020 li għandhom x'jaqsmu mal-impjiegi, mal-produttività u mal-koeżjoni soċjali; jinnota li, lil hinn mill-kontribuzzjoni diretta tagħhom lejn il-Prodott Gross Domestiku (PGD), l-industriji **kreattivi u kulturali** għandhom riperkussjonijiet pożittivi fuq setturi oħra tal-ekonomija, bħalma huma, it-turiżmu u t-teknoloġiji diġitali; huwa tal-fehma li l-inizjattivi u l-programmi tal-politika tal-UE f'dawn l-oqsma għandhom 'Valur miżjud Ewropew' li jista' jintwera;

Or. en

Emenda 21
Georgios Papanikolaou

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5

Abbozz ta' opinjoni

5. Jenfasizza l-importanza tas-setturi kulturali, kreattivi u tal-midja fil-kisba tal-miri ta' Ewropa 2020 li għandhom x'jaqsmu mal-impjiegi, mal-produttività u mal-koeżjoni soċjali; jinnota li, lil hinn mill-kontribuzzjoni diretta tagħhom lejn il-Prodott Gross Domestiku (PGD), dawn l-industriji għandhom riperkussjonijiet pożittivi fuq setturi oħra tal-ekonomija, bħalma huma, *it-turiżmu* u t-teknoloġiji diġitali; huwa tal-fehma li l-inizjattivi u l-programmi tal-politika tal-UE f'dawn l-oqsma għandhom 'Valur miżjud Ewropew' li jista' jintwera;

Emenda

5. Jenfasizza l-importanza tas-setturi kulturali, **edukattivi**, kreattivi u tal-midja fil-kisba tal-miri ta' Ewropa 2020 li għandhom x'jaqsmu mal-impjiegi, mal-produttività u mal-koeżjoni soċjali; jinnota li, lil hinn mill-kontribuzzjoni diretta tagħhom lejn il-Prodott Gross Domestiku (PGD), dawn l-industriji għandhom riperkussjonijiet pożittivi fuq setturi oħra tal-ekonomija, bħalma huma *t-turiżmu*, **l-intrapriżi** u t-teknoloġiji diġitali; huwa tal-fehma li l-inizjattivi u l-programmi tal-politika tal-UE f'dawn l-oqsma għandhom 'Valur miżjud Ewropew' li jista' jintwera;

Or. el

Emenda 22
Marek Henryk Migalski

Abbozz ta' opinjoni
Sottointestatura 3

Abbozz ta' opinjoni

Il-valur miżjud *Ewropew*: il-programmi individwali

Emenda

Il-valur miżjud *fl-Unjoni Ewropea*: il-programmi individwali

Or. pl

Emenda 23
Marietje Schaaake

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6

Abbozz ta' opinjoni

6. Jinnota li l-Programm ta' Tagħlim tul il-Ħajja jġib miegħu ekonomiji tal-kobor ovvji billi jorganizza skemi ta' mobilità fuq livell ta' UE u b'hekk jimmassimizza s-sinerġiji; jinnota li l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jiffinanzjaw azzjonijiet simili mingħajr għajnuna, u li għalhekk il-programm jiffaċilita l-aċċess lejn il-mobilità tat-tagħlim għaċ-ċittadini kollha tal-UE;

Emenda

6. Jinnota li l-Programm ta' Tagħlim tul il-Ħajja jġib miegħu ekonomiji tal-kobor ovvji billi jorganizza skemi ta' mobilità fuq livell ta' UE u b'hekk jimmassimizza s-sinerġiji; jinnota li l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jiffinanzjaw azzjonijiet simili mingħajr għajnuna, u li għalhekk il-programm jiffaċilita l-aċċess lejn il-mobilità tat-tagħlim għaċ-ċittadini kollha tal-UE; ***jinnota li l-esperjenza internazzjonali u l-multilingwiżmu dejjem aktar qed jingħataw valur fis-swieq tax-xogħol; huwa għalhekk konvint li l-istudju barra mill-pajjiż itejjeb il-prospetti tal-impjiegi;***

Or. en

Emenda 24
Hannu Takkula

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6

Abbozz ta' opinjoni

6. Jinnota li l-Programm ta' Tagħlim tul il-Ħajja ***jgħib miegħu ekonomiji tal-kobor ovvj*** billi jorganizza skemi ta' mobilità fuq livell ta' UE u b'hekk jimmassimizza s-sinerġiji; jinnota li l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jiffinanzjaw azzjonijiet simili mingħajr għajjnuna, u li għalhekk il-programm jiffaċilita l-aċċess lejn il-mobilità tat-tagħlim għaċ-ċittadini kollha tal-UE;

Emenda

6. Jinnota li l-Programm ta' Tagħlim tul il-Ħajja ***jikkontribwixxi f'sens wiesa' fl-iżvilupp individwali taċ-ċittadini Ewropej*** billi jorganizza skemi ta' mobilità fuq livell ta' UE u b'hekk jimmassimizza s-sinerġiji; jinnota li l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jiffinanzjaw azzjonijiet simili mingħajr għajjnuna, u li għalhekk il-programm jiffaċilita l-aċċess lejn il-mobilità tat-tagħlim għaċ-ċittadini kollha tal-UE;

Or. fi

Emenda 25

Georgios Papanikolaou

Abbozz ta' opinjoni

Paragrafu 7

Abbozz ta' opinjoni

7. Jinnota li programm tas-subprogramm Erasmus għandu rata ta' implimentazzjoni ta' qrib il-100%; ifakkar l-evidenza ddokumentata sewwa li l-Erasmus jiffaċilita l-istudju barra mill-pajjiż, u li dan, imbagħad, itejjeb b'mod sinjifikanti l-prospetti sussegwenti tal-impjiegi;

Emenda

7. Jinnota li programm tas-subprogramm Erasmus għandu rata ta' implimentazzjoni ta' qrib il-100%; ifakkar l-evidenza ddokumentata sewwa li l-Erasmus jiffaċilita l-istudju barra mill-pajjiż, ***jagħti lill-istudenti firxa usa' ta' hili***et, u li dan, imbagħad, itejjeb b'mod sinjifikanti l-prospetti sussegwenti tal-impjiegi;

Or. el

Emenda 26

Sabine Verheyen

Abbozz ta' opinjoni

Paragrafu 7

Abbozz ta' opinjoni

7. Jinnota li programm tas-subprogramm

Emenda

7. Jinnota li programm tas-subprogramm

Erasmus għandu rata ta' implimentazzjoni ta' qrib il-100%; ifakkar l-evidenza ddokumentata sewwa li l-Erasmus jiffaċilita l-istudju barra mill-pajjiż, u li dan, imbagħad, itejjeb b'mod sinjifikanti l-prospetti sussegwenti tal-impjiegi;

Erasmus għandu rata ta' implimentazzjoni ta' qrib il-100%; ifakkar l-evidenza ddokumentata sewwa li l-Erasmus jiffaċilita **konsiderevolment** l-istudju barra mill-pajjiż, u li dan, imbagħad, itejjeb b'mod sinjifikanti l-prospetti sussegwenti tal-impjiegi **u għalhekk jikkontribwixxi sostanzjalement għall-kompetittività Ewropea**;

Or. de

Emenda 27
Hannu Takkula

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7

Abbozz ta' opinjoni

7. Jinnota li programm tas-subprogramm Erasmus għandu rata ta' implimentazzjoni ta' qrib il-100%; ifakkar l-evidenza ddokumentata sewwa li l-Erasmus jiffaċilita l-istudju barra mill-pajjiż, u li dan, imbagħad, itejjeb b'mod sinjifikanti l-prospetti sussegwenti tal-impjiegi;

Emenda

7. Jinnota li programm tas-subprogramm Erasmus għandu rata ta' implimentazzjoni ta' qrib il-100%; ifakkar l-evidenza ddokumentata sewwa li l-Erasmus jiffaċilita l-istudju barra mill-pajjiż, u li dan, imbagħad, itejjeb b'mod sinjifikanti l-prospetti sussegwenti tal-impjiegi **għal studenti li qed jipparteċipaw fil-programm**;

Or. fi

Emenda 28
Sabine Verheyen

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 8

Abbozz ta' opinjoni

8. Jinnota li s-subprogrammi tal-Comenius, Leonardo da Vinci u Grundtvig jippromwovu sħubiji u skambji ta' Prattiki tajbin madwar l-Ewropa, u jgħinu fl-istess

Emenda

8. Jinnota li s-subprogrammi tal-Comenius, Leonardo da Vinci u Grundtvig jippromwovu sħubiji u skambji ta' Prattiki tajbin madwar l-Ewropa, u jgħinu fl-istess

ħin kemm lill-edukaturi kif ukoll lill-istudenti biex jakkwistaw ħiliet ġodda; jagħraf li dawn għalhekk iġibu lill-iskola, lill-edukazzjoni adulta u vokazzjonali fehim aħjar tad-diversità kulturali u lingwistika, u jtejbu l-bażi tal-ħiliet Ewropej; jinnota s-suċċess tal-programm Erasmus Mundus (2009-2013) fit-twaqqif ta' sħubiji ma' universitajiet barra mill-UE u fl-enfasi tiegħu fuq karattersitiċi distintivi ta' edukazzjoni oġhla Ewropea;

ħin kemm lill-edukaturi kif ukoll lill-istudenti biex jakkwistaw ħiliet ġodda; jagħraf li dawn għalhekk iġibu lill-iskola, lill-edukazzjoni adulta u vokazzjonali fehim aħjar tad-diversità kulturali u lingwistika, u jtejbu l-bażi tal-ħiliet Ewropej, ***u b'hekk jikkontribwixxu direttament għat-tkattir tal-kompetittività Ewropea***; jinnota s-suċċess tal-programm Erasmus Mundus (2009-2013) fit-twaqqif ta' sħubiji ma' universitajiet barra mill-UE u fl-enfasi tiegħu fuq karattersitiċi distintivi ta' edukazzjoni oġhla Ewropea;

Or. de

Emenda 29 Iosif Matula

Abbozz ta' opinjoni Paragrafu 8

Abbozz ta' opinjoni

8. Jinnota li s-subprogrammi tal-Comenius, Leonardo da Vinci u Grundtvig jippromwovu sħubiji u skambji ta' Prattiki tajbin madwar l-Ewropa, u jgħinu fl-istess ħin kemm lill-edukaturi kif ukoll lill-istudenti biex jakkwistaw ħiliet ġodda; jagħraf li dawn għalhekk iġibu lill-iskola, lill-edukazzjoni adulta u vokazzjonali fehim aħjar tad-diversità kulturali u lingwistika, u jtejbu l-bażi tal-ħiliet Ewropej; jinnota s-suċċess tal-programm Erasmus Mundus (2009-2013) fit-twaqqif ta' sħubiji ma' universitajiet barra mill-UE u fl-enfasi tiegħu fuq karattersitiċi distintivi ta' edukazzjoni oġhla Ewropea;

Emenda

8. Jinnota li s-subprogrammi tal-Comenius, Leonardo da Vinci u Grundtvig jippromwovu sħubiji u skambji ta' Prattiki tajbin madwar l-Ewropa, u jgħinu fl-istess ħin kemm lill-edukaturi kif ukoll lill-istudenti biex jakkwistaw ħiliet ġodda; jagħraf li dawn għalhekk iġibu lill-iskola, lill-edukazzjoni adulta u vokazzjonali fehim aħjar tad-diversità kulturali u lingwistika, u jtejbu l-bażi tal-ħiliet Ewropej; jinnota s-suċċess tal-programm Erasmus Mundus (2009-2013) fit-twaqqif ta' sħubiji ma' universitajiet barra mill-UE u fl-enfasi tiegħu fuq karattersitiċi distintivi ta' edukazzjoni oġhla Ewropea ***u fil-ħila li jattira żgħażaġh ta' talent bil-ħsieb li tiżdied il-kompetittività tal-UE fuq livell dinji***;

Or. ro

Emenda 30
Hannu Takkula

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 8

Abbozz ta' opinjoni

8. Jinnota li s-subprogrammi tal-Comenius, Leonardo da Vinci u Grundtvig jippromwovu sħubiji u skambji ta' Prattiki tajbin madwar l-Ewropa, u jgħinu fl-istess ħin kemm lill-edukaturi kif ukoll lill-istudenti biex jakkwistaw ħiliet ġodda; jagħraf li dawn għalhekk iġibu lill-iskola, lill-edukazzjoni adulta u vokazzjonali fehim aħjar tad-diversità kulturali u lingwistika, u jtejbu l-bażi tal-ħiliet Ewropej; jinnota s-suċċess tal-programm Erasmus Mundus (2009-2013) fit-twaqqif ta' sħubiji ma' universitajiet barra mill-UE u fl-enfasi tiegħu fuq karattersitiċi distintivi ta' edukazzjoni oġhla Ewropea;

Emenda

Ma taffettwax il-verżjoni Maltija

Or. fi

Emenda 31
Marietje Schaaake

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 8 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

8a. Jenfasizza li l-internazzjonalizzazzjoni tal-edukazzjoni għandha importanza soċjokulturali u ekonomika; jirrikonoxxi li l-universitajiet Ewropej qed jaqgħu lura bħala ċentri ta' eċċellenza u jemmen li għandhom jittieħdu miżuri biex jattiraw lejhom persuni b'talenti kbar minn barra l-UE; jinsisti li l-Kummissjoni għandha tagħti spinta lill-mobilità transkonfinali tar-riċerkaturi, tal-istudenti, tax-xjenzati u tal-ġhalliema, ġewwa u barra l-UE;

Emenda

Emenda 32
Helga Trüpel

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 9

Abbozz ta' opinjoni

9. Jinnota li l-programm Kultura 2007 jaqdi rwol uniku billi jappoġġja l-kooperazzjoni transkonfinali fl-isfera kulturali, **waqt li jnaqqas l-ostakoli għall-mobilità**, u jrawwem d-diversità kulturali u dik lingwistika Ewropea; ifakkar fir-riperkussjonijiet sinjifikanti ekonomiċi;

Emenda

9. Jinnota li l-programm Kultura 2007 jaqdi rwol uniku billi jappoġġja l-kooperazzjoni transkonfinali **u dik madwar l-Ewropa** fl-isfera kulturali, u jrawwem **il-mobilità, id-diversità** kulturali u dik lingwistika Ewropea; ifakkar fir-riperkussjonijiet sinjifikanti ekonomiċi;

Emenda 33
Marietje Schaaake

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 9

Abbozz ta' opinjoni

9. Jinnota li l-programm Kultura 2007 jaqdi rwol uniku billi jappoġġja l-kooperazzjoni transkonfinali fl-isfera kulturali, waqt li jnaqqas l-ostakoli għall-mobilità, u jrawwem d-diversità kulturali u dik lingwistika Ewropea; ifakkar fir-riperkussjonijiet sinjifikanti ekonomiċi;

Emenda

9. Jinnota li l-programm Kultura 2007 jaqdi rwol uniku billi jappoġġja l-kooperazzjoni transkonfinali fl-isfera kulturali, waqt li jnaqqas l-ostakoli għall-mobilità, u jrawwem d-diversità kulturali u dik lingwistika Ewropea; ifakkar fir-riperkussjonijiet sinjifikanti ekonomiċi; **jenfasizza l-karattru trasversali tal-kultura u jappoġġjaha bħala element vitali fir-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni;**

Emenda 34
Helga Trüpel

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 9 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

9a. Jinnota li l-programm jilħaq popolazzjoni vasta; jaqdi rwol speċjali fl-iżvilupp taċ-ċittadinanza u tal-inklużjoni soċjali u għalhekk jappoġġja bis-sħiħ il-proċess tal-integrazzjoni Ewropea;

Or. en

Emenda 35
Helga Trüpel

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 9 b (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

9b. Jinnota li l-programm huwa differenzjat ħafna u għandu bosta kategoriji ta' benefiċjarji u azzjonijiet, li jiżguraw parti mis-suċċess tal-implimentazzjoni tiegħu;

Or. en

Emenda 36
Marco Scurria

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 11

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

11. Ifakkar li l-programm tal-Ewropa għaċ-Ċittadini jappoġġja l-parteċipazzjoni ċivika Ewropea bis-saħħa ta' proġetti ta' kooperazzjoni transnazzjonali (bħalma huma s-sħubiji ta' ġemellaġġi tal-irħula) u

11. Ifakkar li l-programm tal-Ewropa għaċ-Ċittadini jappoġġja l-parteċipazzjoni ċivika Ewropea bis-saħħa ta' proġetti ta' kooperazzjoni transnazzjonali (bħalma huma s-sħubiji ta' ġemellaġġi tal-irħula) u

għalhekk jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' ċittadinanza Ewropea attiva;

għalhekk jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' ċittadinanza Ewropea attiva; ***jenfasizza li x-xogħol volontarju huwa fundamentali għal ċittadinanza ħajja u għad-demokrazija, u jagħti espressjoni konkreta lil valuri Ewropej bħalma huma s-solidarjetà u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni, li jikkontribwixxu fl-iżvilupp armonjuż ta' soċjetà Ewropea; itenni l-importanza tal-impenn imġedded għal max-xogħol volontarju bħala parti mill-programm L-Ewropa għaċ-Ċittadini;***

Or. it

Emenda 37
Emma McClarkin

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 11

Abbozz ta' opinjoni

11. Ifakkar li l-programm tal-Ewropa għaċ-Ċittadini jappoġġja l-parteciġazzjoni ċivika Ewropea bis-saħħa ta' proġetti ta' kooperazzjoni transnazzjonali (bħalma huma s-sħubiji ta' ġemellaġġi tal-irħula) u għalhekk jikkontribwixxi ***għall-iżvilupp*** ta' ***ċittadinanza Ewropea attiva***;

Emenda

11. Ifakkar li l-programm tal-Ewropa għaċ-Ċittadini jappoġġja l-parteciġazzjoni ċivika Ewropea bis-saħħa ta' proġetti ta' kooperazzjoni transnazzjonali (bħalma huma s-sħubiji ta' ġemellaġġi tal-irħula) u għalhekk jikkontribwixxi ***għal fehim akbar tal-kulturi differenti madwar l-Ewropa***;

Or. en

Emenda 38
Marek Henryk Migalski

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 11

Abbozz ta' opinjoni

11. Ifakkar li l-programm tal-Ewropa għaċ-Ċittadini jappoġġja l-parteciġazzjoni ċivika

Emenda

11. Ifakkar li l-programm tal-Ewropa għaċ-Ċittadini jappoġġja l-parteciġazzjoni ċivika

Ewropea bis-saħħa ta' proġetti ta' kooperazzjoni transnazzjonali (bħalma huma s-sħubiji ta' ġemellaġġi tal-irħula) u għalhekk jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' *ċittadinanza Ewropea attiva*;

Ewropea bis-saħħa ta' proġetti ta' kooperazzjoni transnazzjonali (bħalma huma s-sħubiji ta' ġemellaġġi tal-irħula) u għalhekk jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' *soċjetà ċivili f'pajjiżi Ewropej*;

Or. pl

Emenda 39
Cătălin Sorin Ivan

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 12

Abbozz ta' opinjoni

12. Jenfassizza r-rwol importanti li l-programmi MEDIA u MEDIA Mundus qdew fit-tisħiħ tal-kompettività tal-industrija awdjoviżiva Ewropea; jinnota, partikolarmanet, li sa minn meta l-mekkaniżmi tal-appoġġ nazzjonali bdew japplikaw, l-aktar għall-fażi tal-produzzjoni, dawn il-programmi wrew valur miżjud Ewropew sinjifikanti bil-għajjnuna tagħhom fid-distribuzzjoni transkonfinali (u tassew globali) tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej;

Emenda

12. Jenfassizza r-rwol importanti li l-programmi MEDIA u MEDIA Mundus qdew fit-tisħiħ tal-kompettività tal-industrija awdjoviżiva Ewropea; jinnota, partikolarmanet, li sa minn meta l-mekkaniżmi tal-appoġġ nazzjonali bdew japplikaw, l-aktar għall-fażi tal-produzzjoni, dawn il-programmi wrew valur miżjud Ewropew sinjifikanti bil-għajjnuna tagħhom fid-distribuzzjoni transkonfinali (u tassew globali) tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej; ***jinsisti għalhekk li dawn il-programmi jinżammu għaddejjin/jiġġeddu bħala programmi individwali, biex b'hekk ikun garantit il-valur miżjud u l-viżibbiltà tagħhom***;

Or. en

Emenda 40
Iosif Matula

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 12

Abbozz ta' opinjoni

12. Jenfassizza r-rwol importanti li l-

Emenda

12. Jenfassizza r-rwol importanti li l-

programmi MEDIA u MEDIA Mundus qdew fit-tisħiħ tal-kompettività tal-industrija awdjoviżiva Ewropea; jinnota, partikolarmanet, li sa minn meta l-mekkaniżmi tal-appoġġ nazzjonali bdew japplikaw, l-aktar għall-fażi tal-produzzjoni, dawn il-programmi wrew valur miżjud Ewropew sinjifikanti bil-għajjnuna tagħhom fid-distribuzzjoni transkonfinali (u tassew globali) tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej;

programmi MEDIA u MEDIA Mundus qdew fit-tisħiħ tal-kompettività tal-industrija awdjoviżiva Ewropea ***u fit-titjib tal-prestiġju internazzjonali tal-UE***; jinnota, partikolarmanet, li sa minn meta l-mekkaniżmi tal-appoġġ nazzjonali bdew japplikaw, l-aktar għall-fażi tal-produzzjoni, dawn il-programmi wrew valur miżjud Ewropew sinjifikanti bil-għajjnuna tagħhom fid-distribuzzjoni transkonfinali (u tassew globali) tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej; ***jenfasizza wkoll l-importanza tat-taħriġ fil-midja fl-era diġitali***;

Or. ro

Emenda 41
Marek Henryk Migalski

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 12

Abbozz ta' opinjoni

12. Jenfassizza r-rwol importanti li l-programmi MEDIA u MEDIA Mundus qdew fit-tisħiħ tal-kompettività tal-industrija awdjoviżiva ***Ewropea***; jinnota, partikolarmanet, li sa minn meta l-mekkaniżmi tal-appoġġ nazzjonali bdew japplikaw, l-aktar għall-fażi tal-produzzjoni, dawn il-programmi wrew valur miżjud Ewropew sinjifikanti bil-għajjnuna tagħhom fid-distribuzzjoni transkonfinali (u tassew globali) tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej;

Emenda

12. Jenfassizza r-rwol importanti li l-programmi MEDIA u MEDIA Mundus qdew fit-tisħiħ tal-kompettività tal-industrija awdjoviżiva ***fil-pajjiżi Ewropej***; jinnota, partikolarmanet, li sa minn meta l-mekkaniżmi tal-appoġġ nazzjonali bdew japplikaw, l-aktar għall-fażi tal-produzzjoni, dawn il-programmi wrew valur miżjud Ewropew sinjifikanti ***fl-UE*** bil-għajjnuna tagħhom fid-distribuzzjoni transkonfinali (u tassew globali) tax-xogħlijiet awdjoviżivi ***fil-pajjiżi*** Ewropej;

Or. pl

Emenda 42
Sabine Verheyen

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 12

Abbozz ta' opinjoni

12. Jenfassizza r-rwol importanti li l-programmi MEDIA u MEDIA Mundus qdew fit-tisħiħ tal-kompettivita tal-industrija awdjoviżiva Ewropea; jinnota, partikolarmanet, li sa minn meta l-mekkaniżmi tal-appoġġ nazzjonali bdew japplikaw, l-aktar għall-fażi tal-produzzjoni, dawn il-programmi wrew valur miżjud Ewropew sinjifikanti bil-għajnuna tagħhom fid-distribuzzjoni transkonfinali (u tassew globali) tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej;

Emenda

12. Jenfassizza r-rwol importanti li l-programmi MEDIA u MEDIA Mundus qdew fit-tisħiħ tal-kompettivita tal-industrija awdjoviżiva Ewropea; jinnota, partikolarmanet, li sa minn meta l-mekkaniżmi tal-appoġġ nazzjonali bdew japplikaw, l-aktar għall-fażi tal-produzzjoni, dawn il-programmi wrew valur miżjud Ewropew sinjifikanti ***u tisħiħ globali tal-industrija awdjoviżiva Ewropea*** bil-għajnuna tagħhom fid-distribuzzjoni transkonfinali (u tassew globali) tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej;

Or. de

Emenda 43
Marietje Schaake

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 12

Abbozz ta' opinjoni

12. Jenfassizza r-rwol importanti li l-programmi MEDIA u MEDIA Mundus qdew fit-tisħiħ tal-kompettivita tal-industrija awdjoviżiva Ewropea; jinnota, partikolarmanet, li sa minn meta l-mekkaniżmi tal-appoġġ nazzjonali bdew japplikaw, l-aktar għall-fażi tal-produzzjoni, dawn il-programmi wrew valur miżjud Ewropew sinjifikanti bil-għajnuna tagħhom fid-distribuzzjoni transkonfinali (*u tassew globali*) tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej;

Emenda

12. Jenfassizza r-rwol importanti li l-programmi MEDIA u MEDIA Mundus qdew fit-tisħiħ tal-kompettivita tal-industrija awdjoviżiva Ewropea; jinnota, partikolarmanet, li sa minn meta l-mekkaniżmi tal-appoġġ nazzjonali bdew japplikaw, l-aktar għall-fażi tal-produzzjoni, dawn il-programmi wrew valur miżjud Ewropew sinjifikanti bil-għajnuna tagħhom fid-distribuzzjoni transkonfinali (*tabilħaqq, globali*) tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej ***ħalli jilħqu udjenzi madwar id-dinja*** ;

Emenda 44
Marietje Schaaake

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 12 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

12a. Jirrikonoxxi li d-diġitalizzazzjoni tas-settur hija importanti għall-programmi MEDIA;

Emenda 45
Hannu Takkula

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 13

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

13. Ifakkar l-importanza li għandu l-isport għas-saħħa, l-iżvilupp ekonomiku u l-impjiegi, it-turiżmu u l-inklużjoni soċjali, u l-fatt li Artikolu 165 tat-TFUE jagħti lill-UE kompetenzi oħra f'dan il-qasam, jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem ta' 'L-Iżvilupp tad-Dimensjoni Ewropea fl-Isport' (COM(2011)0012) bħala l-ewwel pass fil-valutazzjoni tal-valur miżjud ***tal-isport*** u fil-konċentrazzjoni fuq id-dimensjonijiet soċjali, ekonomiċi u organizzattivi tal-isport;

13. Ifakkar l-importanza li għandu l-isport għas-saħħa, l-iżvilupp ekonomiku u l-impjiegi, it-turiżmu u l-inklużjoni soċjali, u l-fatt li Artikolu 165 tat-TFUE jagħti lill-UE kompetenzi oħra f'dan il-qasam, jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem ta' 'L-Iżvilupp tad-Dimensjoni Ewropea fl-Isport' (COM(2011)0012) bħala l-ewwel pass fil-valutazzjoni tal-valur miżjud tal-isport, ***u partikolarment fl-eżerċizzji ta' kuljum***, u fil-konċentrazzjoni fuq id-dimensjonijiet soċjali, ekonomiċi u organizzattivi tal-isport;

Emenda 46
Iosif Matula

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 13 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

13a. Iqis li l-allokkazzjoni xierqa tar-riżorsi fil-qasam edukattiv, komponent tal-Istrateġija Europa 2020, tista' tikkontribwixxi sew biex tilħaq l-oġġettivi ta' din tal-aħħar;

Or. ro

Emenda 47
Emma McClarkin

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 14

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

14. Jinnota li l-programmi tal-UE li għandhom x'jaqsmu mal-edukazzjoni, maż-żgħażaġh, mal-midja u mal-kultura għandhom suċċess minħabba li għandhom rati għoljin ta' implimentazzjoni u jiġġeneraw valur miżjud Ewropew ċar, **u jemmen li hemm argumenti sodi biex jiżdiedu r-riżorsi għalihom; jenfasizza l-importanza li se jibda l-irbit aktar fil-qrib tal-allokkazzjoni tar-riżorsi;**

14. Jinnota li l-programmi tal-UE li għandhom x'jaqsmu mal-edukazzjoni, maż-żgħażaġh, mal-midja u mal-kultura **xi drabi** għandhom suċċess minħabba li għandhom rati għoljin ta' implimentazzjoni u jiġġeneraw valur miżjud Ewropew ċar, **iżda, fil-kuntest tal-klima ekonomika attwali, ir-riżorsi għalihom m'għandhomx jiżdiedu sakemm ma jsirux riduzzjonijiet proporzjonati f'xi partijiet oħra tal-baġit tal-UE; jinnota li jekk programm ma jkunx jista' jinkiseb fuq livell ta' Stat Membru, jekk ikun joffri valur miżjud, u jekk ikollu l-valur miżjud tal-flus, jista' jkun previst li r-riżorsi allokatu għall-programm jittieħdu mill-marġini kurrenti tal-baġit tal-UE;**

Or. en

Emenda 48
Helga Trüpel

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 14

Abbozz ta' opinjoni

14. Jinnota li l-programmi tal-UE li għandhom x'jaqsmu mal-edukazzjoni, maż-żgħażaġġ, mal-midja u mal-kultura għandhom suċċess minħabba li għandhom rati għoljin ta' implimentazzjoni u jiġġeneraw valur miżjud Ewropew ċar, **u jemmen li hemm argumenti sodi biex jiżdiedu r-riżorsi għalihom; jenfasizza l-importanza li se jibda l-irbit aktar fil-qrib tal-allokazzjoni tar-riżorsi;**

Emenda

14. Jinnota li l-programmi tal-UE li għandhom x'jaqsmu mal-edukazzjoni, maż-żgħażaġġ, mal-midja u mal-kultura għandhom suċċess minħabba li għandhom rati għoljin ta' implimentazzjoni u jiġġeneraw valur miżjud Ewropew ċar, **u jitlob għal finanzjar xieraq bil-ħsieb li jkun hemm żieda sostanzjali tar-riżorsi;**

Or. en

Emenda 49
Marietje Schaaake

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 14

Abbozz ta' opinjoni

14. Jinnota li l-programmi tal-UE li għandhom x'jaqsmu mal-edukazzjoni, maż-żgħażaġġ, mal-midja u mal-kultura għandhom suċċess minħabba li għandhom rati għoljin ta' implimentazzjoni u jiġġeneraw valur miżjud Ewropew ċar, u jemmen li hemm argumenti sodi biex jiżdiedu r-riżorsi għalihom; jenfasizza l-importanza li se jibda l-irbit aktar fil-qrib tal-allokazzjoni tar-riżorsi;

Emenda

14. Jinnota li l-programmi tal-UE li għandhom x'jaqsmu mal-edukazzjoni, maż-żgħażaġġ, mal-midja u mal-kultura għandhom suċċess minħabba li għandhom rati għoljin ta' implimentazzjoni u jiġġeneraw valur miżjud Ewropew ċar, u jemmen li hemm argumenti sodi biex jiżdiedu r-riżorsi għalihom; **jappoġġja l-indipendenza tal-programmi MEDIA li għandhom jinżammu għaddejjin fi ħdan il-qafas finanzjarju tal-UE wara l-2013;** jenfasizza l-importanza li se jibda l-irbit aktar fil-qrib tal-allokazzjoni tar-riżorsi;

Or. en

Emenda 50
Marco Scurria

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 14

Abbozz ta' opinjoni

14. Jinnota li l-programmi tal-UE li għandhom x'jaqsmu mal-edukazzjoni, maż-żgħażaġġ, mal-midja u mal-kultura għandhom suċċess minħabba li għandhom rati għoljin ta' implimentazzjoni u jiġġeneraw valur miżjud Ewropew ċar, u jemmen li hemm argumenti sodi biex jiżdiedu r-riżorsi għalihom; jenfasizza l-importanza li se jibda l-irbit aktar fil-qrib tal-allokkazzjoni tar-riżorsi;

Emenda

14. Jinnota li l-programmi tal-UE li għandhom x'jaqsmu mal-edukazzjoni, maż-żgħażaġġ, mal-midja u mal-kultura għandhom suċċess minħabba li għandhom rati għoljin ta' implimentazzjoni u jiġġeneraw valur miżjud Ewropew ċar, ***waqt li jsaħħu s-sens ta' identità u ta' appartenenza Ewropea***, u jemmen li hemm argumenti sodi biex jiżdiedu r-riżorsi għalihom; jenfasizza l-importanza li se jibda l-irbit aktar fil-qrib tal-allokkazzjoni tar-riżorsi;

Or. it

Emenda 51
Sabine Verheyen

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 14

Abbozz ta' opinjoni

14. Jinnota li l-programmi tal-UE li għandhom x'jaqsmu mal-edukazzjoni, maż-żgħażaġġ, mal-midja u mal-kultura għandhom suċċess minħabba li għandhom rati għoljin ta' implimentazzjoni u jiġġeneraw valur miżjud Ewropew ċar, u jemmen li hemm argumenti sodi biex jiżdiedu r-riżorsi għalihom; jenfasizza l-importanza li se jibda l-irbit aktar fil-qrib tal-allokkazzjoni tar-riżorsi;

Emenda

14. Jinnota li l-programmi tal-UE li għandhom x'jaqsmu mal-edukazzjoni, maż-żgħażaġġ, mal-midja u mal-kultura għandhom suċċess minħabba li għandhom rati għoljin ta' implimentazzjoni u jiġġeneraw valur miżjud Ewropew ċar ***li jista' jitkejjel b'termini ekonomiċi***, u jemmen li hemm argumenti sodi biex jiżdiedu r-riżorsi għalihom; jenfasizza l-importanza li se jibda l-irbit aktar fil-qrib tal-allokkazzjoni tar-riżorsi;

Or. de

Emenda 52
Marek Henryk Migalski

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 14

Abbozz ta' opinjoni

14. Jinnota li l-programmi tal-UE li għandhom x'jaqsmu mal-edukazzjoni, maż-żgħażaġġ, mal-midja u mal-kultura għandhom suċċess minħabba li għandhom rati għoljin ta' implimentazzjoni u jiġġeneraw valur miżjud Ewropew ċar, u jemmen li hemm argumenti sodi biex jiżdiedu r-riżorsi għalihom; jenfasizza l-importanza li se jibda l-irbit aktar fil-qrib tal-allokazzjoni tar-riżorsi;

Emenda

14. Jinnota li l-programmi tal-UE li għandhom x'jaqsmu mal-edukazzjoni, maż-żgħażaġġ, mal-midja u mal-kultura għandhom suċċess minħabba li għandhom rati għoljin ta' implimentazzjoni u jiġġeneraw valur miżjud ċar ***fl-Unjoni Ewropea***, u jemmen li hemm argumenti sodi biex jiżdiedu r-riżorsi għalihom; jenfasizza l-importanza li se jibda l-irbit aktar fil-qrib tal-allokazzjoni tar-riżorsi;

Or. pl

Emenda 53
Georgios Papanikolaou

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 14

Abbozz ta' opinjoni

14. Jinnota li l-programmi tal-UE li għandhom x'jaqsmu mal-edukazzjoni, maż-żgħażaġġ, mal-midja u mal-kultura għandhom suċċess minħabba li għandhom rati għoljin ta' implimentazzjoni u jiġġeneraw valur miżjud Ewropew ċar, u jemmen li hemm argumenti ***sodi*** biex jiżdiedu r-riżorsi għalihom; jenfasizza l-importanza li se jibda l-irbit aktar fil-qrib tal-allokazzjoni tar-riżorsi;

Emenda

14. Jinnota li l-programmi tal-UE li għandhom x'jaqsmu mal-edukazzjoni, maż-żgħażaġġ, mal-midja u mal-kultura għandhom suċċess minħabba li għandhom rati għoljin ta' implimentazzjoni u jiġġeneraw valur miżjud Ewropew ċar, u jemmen li hemm argumenti ***kbar*** biex jiżdiedu r-riżorsi għalihom; jenfasizza l-importanza li se jibda l-irbit aktar fil-qrib tal-allokazzjoni tar-riżorsi;

Or. el

Emenda 54
Emma McClarkin

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 15 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

15a. Jenfasizza li fil-klima ekonomika attwali, bl-Istati Membri madwar l-UE mdaħħlin f'miżuri ta' awsterità, il-baġit ġenerali tal-UE għandu jkun iffriżat fil-livell li qiegħed fih għall-perijodu tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali li jmiss;

Or. en

Emenda 55
Iosif Matula

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 16 a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

16a. Iqisu meħtieġ li jittieħdu miżuri għall-promozzjoni pubblika ta' programmi kulturali, edukattivi, taż-żgħażaġh u tal-midja tal-massa;

Or. ro